Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10035 — Burnam Parties/Kroenke Parties/SMG/Cascade Investment/StorageMart)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 419/16)

1. Fis-27 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— StorageMart Partners, LLC u l-affiljati tagħha ("Burnam Parties", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— E.Stanley Kroenke u entitajiet affiljati ("il-Kroenke Parties", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— SMG StorCo, LLC ("SMG", l-Istati Uniti tal-Amerka) ikkontrollata indirettament minn GIC Realty (Singapore),

— Cascade Investment L.L.C. ("Cascade Investment", l-Istati Unitit tal-Amerka),

— SMARTCo Properties, L.P. ("StorageMart", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Burnam Parties, il-Kroenke Parties, SMG u Cascade Investment jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' StorageMart kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— StorageMart: katina ta' faċilitajiet ta' awtoħażna li joperaw madwar l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada u r-Renju Unit. StorageMart għandha 220 faċilità madwar id-dinja, inklużi 16-il faċilità li jinsabu fir-Renju Unit. Dawn il-faċilitajiet ta' awtoħażna jinsabu f'Buckinghamshire, Essex, Kent, Norfolk, Suffolk, Surrey, East Sussex u West Sussex,

— Burnam Parties: magħmula minn StorageMart Partners, L.L.C, u l-affiljati tagħha, li minnhom Cris Burnam iservi bħala Uffiċjal Kap Eżekuttiv fi StorageMart u Mike Burnam bħala President ta' StorageMart. Burnam Parties bħalissa jikkontrollaw bi sħab il-Kumpanija fil-Mira u huma, permezz tal-Kumpanija fil-Mira, primarjament attivi fl-Istati Uniti tal-Amerka fl-industrija tal-awtoħażna,

— Kroenke Parties: jinkludu entitajiet affiljati ma' E. Stanley Kroenke, individwu privat residenti fl-Istati Uniti tal-Amerika li jikkontrolla portafoll internazzjonali ta' investimenti, primarjament attiv fis-setturi tal-isport u tal-proprjetà immobbli. Kroenke Parties huma proprjetarji ta' interess kontrollanti fil-PreTranżazzjoni fil-Mira u huma primarjament attivi fl-Istati Uniti tal-Amerika,

— SMG: sussidjarja indiretta proprjetà kollha kemm hi ta' GIC Realty, kumpanija b'responsabbiltà limitata inkorporata skont il-liġijiet ta' Singapore. GIC Realty hija l-kumpanija azzjonarja għal investimenti fil-proprjetà immobbli magħmula għan-nom tal-Gvern ta' Singapore,

— Cascade Investment: entità ta' investiment privat b'portafoll ta' investiment globali li hija primarjament attiva fl-Amerka ta' Fuq. Hija kumpanija b'responsabbiltà limitata li l-uniku membru tagħha huwa William H. Gates III.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10035 — Burnam Parties/Kroenke Parties/SMG/Cascade Investment/StorageMart

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussels
BELGIQUE / BELGIË